2 ta' Frar, 1956

## Imħallef:

## Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Helen Galea *versus* Carmelo Galea

### Alimenti — Transazzjoni

*Biex ikun hemm transazzjoni, iridu jirrikorru diversi rekwiżiti, u ċjoè l-kapaċità tal-partijiet, il-kunsens tagħhom, l-oġġett u l-kawża.*

*Trattandosi ta' alimenti kanonizzati b'sentenza, u ta' domanda sussegwenti li ssir għall-awment tagħhom minħabba kambjament ta' ċirkustanzi u li mbagħad tiġi transatta, l-element tar-"res dubia" jirrikorri, għax it-transazzjoni hija dipendenti minn dik il-kawża; u jirrikorri wkoll l-element tal-oġġett, billi, biex saret it-transazzjoni, il-partijiet ikunu għamlu konċessjonijiet lil xulxin.*

*Il-kwistjoni jekk alimenti stabbiliti bis-saħħa ta' transazzjoni jistgħux jissubixxu varjazzjoni jekk ikun hemm kambjament ta' ċirkustanzi, ġiet varjament riżoluta fid-dottrina u fil-ġurisprudenza; imma t-transazzjoni hija kuntratt sinallagmatiku perfett, u tista' titħassar biss għall-kawżi stabbiliti għall-impunjazzjoni tal-kuntratti, eċċettwat il-każ ta' żball ta' liġi. U għalhekk it-transazzjoni, sija pure dwar alimenti futuri, għandha bħal kuntratti oħra saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu stipulawha, u ma tistax titħassar ħlief bil-kunsens tagħhom, jew għal raġunijiet magħrufa mill-liġi; u d-domanda biex jiġu awmentati alimenti stabbiliti bi transazzjoni mhix attendibbli.*

*U xejn ma jiswa li t-transazzjoni saret bejn persuni li skond il-liġi huma tenuti lejn xulxin għall-alimenti; għax b'dik it-transazzjoni dak l-obligu sar kontrattwali, u ma jistax jitħassar jew jitbidel ħlief bil-volontà tal-kontraenti.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-konvenut, b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar 1952 fil-kawża fl-ismijiet "Elena Galea vs. Giovanna Galea ne.", ġie kundannat iħallas lill-attriċi, martu, għaliha u għal bintha minuri Maria Teresa, il-pensjoni ta' 7s. 6d. kuljum; u billi b'sentenza oħra ta' din il-

Qorti tal-24 ta' Ġunju 1953 l-imsemmija pensjoni alimentarja giet miżjuda bl-ammont ta' 1s. 6d. kulljum, u għalhekk il-konvenut, b'kollox, il-lum qiegħed iħallas lill-attriċi l-pensjoni alimentarja ta' 9s. kulljum; u billi dan l-aħħar, wara l-mewt t'ommu, l-istat finanzjarju tal-konvenut tbiddel sostanzjalment, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u għalhekk hemm lok għal awment proporzjonali tal-imsemmija pensjoni alimentarja; talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi awment fil-pensjoni alimentarja fuq riferita, li jiġi stabbilit minn din il-Qorti in proporzjoni tal-mezzi attwali tiegħu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-impediment tas-safar tad-29 ta' Marzu 1955, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni opposta mill-konvenut;

Illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Frar 1952, il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attriċi, għaliha u għal bintha, pensjoni alimentarja ta' 7s. 6d. kulljum. B'sentenza oħra tal-24 ta' Ġunju 1943, dina l-Qorti kkundannat lill-istess konvenut iħallas iż-żieda ta' 1s. 6d. kulljum fl-imsemmija pensjoni alimentarja; liema żieda kellha tkun favur tal-attriċi Elena Galea biss...... Min din is-sentenza tant l-attriċi tal-lum, kemm Maria Teresa Galea, interponew appell prinċipali, fejn talbu r-riforma tas-sentenza fis-sens li tiġi awmentata l-pensjoni ġa akkordata, u li tiġi revokata in kwantu akkollat lil Maria Teresa Galea l-ispejjeż fuq imsemmija, u l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża. Il-konvenut appella mis-sentenza b'mod inċidentali, u talab li tiġi riformata, billi tkun konfermata in kwantu Maria Teresa Galea ġiet kundannata tħallas l-ispejjeż tagħha, u tkun revokata in kwantu akkordat awment ta' 1s. 6d. a favur ta' Elena Galea, billi jiġi deċiż għar-riġett tad-domandi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

B'nota tas-16 ta' Ottubru 1953, il-kontendenti ttransiġew il-kawża fis-sens illi l-konvenut obliga ruħu li jħallas għall-alimenti ta' Elena Galea, martu 7s. 6d. kulljum; u kwantu għall-ispejjeż...... Fuq talba tal-kontendenti, il-

Qorti tal-Appell awtorizzathom jittransiġu l-kawża skond l-iskrittura fuq miġjuba; u għalhekk il-partijiet ċedew l-appelli rispettivi tagħhom;

Illi l-konvenut, fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, sostanzjalment qiegħed isostni li r-rata alimentarja ta' 7s. 6d. kulljum iffurmat oġġett ta' transazzjoni, u għalhekk mhix suġġetta għal varjazzjoni mingħajr il-kunsens tal-partijiet interessati;

Illi hu magħruf li, sabiex ikun hemm transazzjoni, iridu jirrikorru diversi rekwiżiti, jiġifieri l-kapaċità tal-partijiet, il-kunsens tagħhom, l-oġġett u l-kawża. Kwantu għall-ewwel żewġ rekwiżiti, ma jidherx li jista' jkun hemm dubju. Infatti...... Kwantu għall-kawża tat-transazzjoni, lanqas jidher li jista' jkun hemm dubju, peress li kienet tirrikorri r-"res dubia" dipendenti miż-żewġ appelli tal-kontendenti. Kwantu għall-oġġett tat-transazzjoni, konsistenti fil-konċessjonijiet reċiproċi tal-partijiet, anki dan ir-rekwiżit kien jirrikorri; difatti l-attriċi rrinunzjat għall-pretensjoni taż-żieda fil-pensjoni alimentarja fissata mill-Ewwel Qorti ta' 1s. 6d. kulljum, u l-konvenut akkonsenta li l-attriċi tieħu għaliha biss il-pensjoni kollha ta' 7s. 6d. li b'sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar 1952 kienet intiża anki għal bintha Maria Teresa, allura taħt l-età. Konċessjoni oħra saret mill-kontendenti bejniethom dwar l-ispejjeż. Kwantu, mbagħad, għar-rekwiżit tal-forma, l-iskrittura riżultanti minn nota tas-16 ta' Ottubru 1953 kienet biżżejjed biex tissodisfa l-vot tal-liġi;

Illi, ladarba bejn il-kontendenti saret transazzjoni, u dina dwar l-alimenti futuri, titwieled il-kwistjoni jekk dina t-transazzjoni u l-alimenti fiha stabbiliti jistgħux jitbiddlu jekk ikun hemm kambjament ta' ċirkustanzi;

Dina l-kwistjoni ġiet varjament riżoluta fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, anki lokali. Iżda dina l-Qorti, kif presjeduta, hija tal-fehma illi l-aliment stabbiliti bi transazzjoni ma jistgħux jissubixxu varjazzjoni. Difatti, it-transazzjoni, skond l-art. 1812 (Kod. Ċiv.), hija kuntratt sinallagmatiku perfett, u kwindi tista' titħassar biss għall-kawżi stabbiliti għall-impunjazzjoni tal-kuntratti, eċċettwat il-każ ta' żball tal-liġi (art. 1823, 1824 u 1825, Kod. ċit.); u huwa magħruf

li fost dawk il-kawżi ma tirrikorrix dik ta' tibdil fiċ-ċirkustanzi. Għalhekk it-transazzjoni, sija pure dwar alimenti futuri, għandha, bħal kuntratti l-oħra, saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu stipulawha, u ma tistax titħassar ħlief bilkunsens tagħhom jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi (art. 1035 Kod. Ċiv.);

Is-soluzzjoni kuntrarja, kif josserva Antonio Butera, "sfaterebbe il carattere contrattuale del negozio e la comune intenzione delle parti. Il debitore che, sborsando in una volta una somma di denaro, intende liberarsi per sempre della prestazione degli alimenti verso l'interessato, stipula una transazione aleatoria, che lo sottrae ad ogni ulteriore azione. Diversamente l'alimentando, dissipata il giorno appresso e in un momento la somma riscossa come corrispettivo della rinunzia, ricade senz'altro in quello stato di bisogno che costituisce per lui il titolo a chiedere gli alimenti, e toglie cosi ogni vigore alla transazione, che finirebbe per diventare una fonte d'illegittimo lucro. E certo a questa condizione e con questo pericolo nessun debitore si determinerebbe a concludere transazioni in materia alimentare. Nella transazione che abbia per oggetto gli alimenti futuri, la 'res dubia' è non solo ha loro misura, ma anche la probabile ed eventuale durata. Questo elemento entra in considerazione nei reciproci sacrifici delle parti, e non può poi una di esse, per sua volontà unilaterale, revocare il contratto che ne sia derivato dal mutuo consenso. Nulla rileva che con tale decisione, mentre va soggetto a modificazione il giudicato, rimane ferma la transazione; perchè, in prima linea, il giudicato è nato nel contrasto delle parti concludenti, laddove la transazione è il prodotto della coincidenza del loro consensi. Secondariamente, il giudicato non ha tenuto conto, come la transazione, degli alimenti futuri, e non può quindi estendersi oltre ciò che ne ha formato il soggetto; mentre se in seguito alla transazione sugli alimenti futuri potesse rinascere l'obbligo della somministrazione per il ripresentarsi del bisogno, la transazione fallirebbe al suo scopo" (Digesto Italiano, voce Transazione, §104, paġ. 1741, col. 1ma.);

Illi xejn ma jiswa li t-transazzjoni saret bejn persuni skond il-liġi tenuti lejn xulxin għall-alimenti; għaliex b'dik it-transazzjoni dak l-obligu sar kontrattwali, u ma jistax jitħassar jew jitbiddel ħlief bil-volontà tal-kontraenti. Għalhekk dina l-Qorti, fil-kawża "Anton Maria Cesareo vs. Gaetano Cesareo", deċiża fis-16 ta' Ġunju 1880, marret tistabbilixxi illi "il detto obbligo non essendo legale, ma derivante da convenzione, sebbene contratto fra persone alle quali la legge impone l'obbligo reciproco di somministrare gli alimenti, devono essere allo stesso applicate le regole ordinarie del contratti". Liema deċiżjoni ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell, li osservat illi "se la transazione era...... valida pel consenso delle parti, così poteva essere col solo consenso delle parti medesime, o colla rinunzia dell'attore risoluta — 'quibus modis obligamur, eisdem in contrarium actis liberamur' (Kollez. IX, paġ. 179 u 563). L-istess prinċipju ġie reċentement adottat ukoll minn din il-Qorti (Kollez. XXIX-II-438);

Illi minn dan li ntqal jidher illi għad-domanda tal-attriċi tosta t-transazzjoni minnha stipulata;

Illi għalhekk ma hemmx bżonn li jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-konvenut;

Illi, rigward il-kap tal-ispejjeż, hu xieraq li dawn jiġu moderati, minħabba l-istat konfliġġenti tad-dottrina u tal-ġurisprudenza;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-preġudizzjali opposta mill-konvenut; u konsegwentement tirrespinġi t-talba tal-attriċi;

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; id-dritt tar-Reġistru tħallsu l-attriċi.

---